



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

26 ta' Frar 2019*

“Għajnuna mill-Istat – Għajnuna mogħtija mill-awtoritajiet Spanjoli lil ċerti klabbs tal-futbol professjonali – Rata preferenzjali tat-taxxa fuq id-dħul applikata għall-klabbs awtorizzati jużaw status ta' entità mingħajr skop ta' qligħ – Deċizzjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern – Libertà ta' stabbiliment – Vantaġġ”

Fil-Kawża T-865/16,

Fútbol Club Barcelona, stabbilit f'Barcelona (Spanja), inizjalment irrappreżentat minn J. Roca Sagarra, J. del Saż Cordero, R. Vallina Hoset, A. Sellés Marco u C. Iglesias Megías, imbagħad minn J. Roca Sagarra, del Saż Cordero, Vallina Hoset u Sellés Marco, avukati,

rikorrent,

sostnut minn

Ir-Renju ta' Spanja, irrappreżentat inizjalment minn A. Gavela Llopis u J. García-Valdecasas Dorego, sussegwentement minn A. Gavela Llopis, bħala aġenti,

intervenjent,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn G. Luengo, B. Stromsky u P. Němečková, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċizzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2391 tal-4 ta' Lulju 2016 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.29769 (2013/C) (l-ex 2013/NN) implimentata minn Spanja għal ċerti klabbs tal-futbol (ĠU 2016, L 357, p. 1),

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba'Awla)

komposta minn H. Kanninen (Relatur), President tal-Awla, J. Schwarcz u C. Iliopoulos, Imħallfin,

Reġistratur: J. Palacio González, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-26 ta' Ġunju 2018,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

- 1 L-Artikolu 19(1) tal-Ley 10/1990 del Deporte (Liġi 10/1990 dwar l-Isport), tal-15 ta' Ottubru 1990 (BOE Nru 249, tas-17 ta' Ottubru 1990, p. 30397, iktar 'il quddiem il-“Liġi 10/1990”), obbliga lill-klabbs sportivi professjonali Spanjoli kollha jitransformaw ruħhom f'kumpanniji tal-isport b'responsabbiltà limitata (iktar 'il quddiem il-“kumpanniji SAS”). L-għan ta' din il-liġi kien li tiġi promossa ġestjoni iktar responsabbli tal-attività tal-klabbs billi jadattaw il-forma ġuridika tagħhom.
- 2 Permezz tas-seba' dispożizzjoni addizzjonali tagħha, il-Liġi 10/1990 kienet tipprevedi madankollu eċċezzjoni fir-rigward tal-klabbs sportivi professjonali kisbu riżultat pożittiv fis-snin ta' qabel l-adozzjoni tal-Liġi. Ir-rikorrent, il-Fútbol Club Barcelona, kif ukoll tliet klabbs oħra tal-futbol professjonali kienu jaqgħu fl-ambitu tal-eċċezzjoni magħmula permezz tal-Liġi 10/1990. Dawn l-erba' entitajiet għalhekk kellhom l-għażla, li huma eżerċitaw, li jkomplu joperaw fil-forma ta' klabbs sportivi.
- 3 B'differenza minn kumpanniji SAS, il-klabbs sportivi jikkostitwixxu persuni legali mingħajr skop ta' qligħ li jgawdu, f'dan ir-rigward, minn rata speċifika ta' tassazzjoni tad-dħul tagħhom. Din ir-rata baqgħet iktar baxxa, sal-2016, mir-rata applikabbli għal kumpanniji SAS.
- 4 Permezz ta' ittra tat-18 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni Ewropea nnotifikat lir-Renju ta' Spanja d-deċiżjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE, fir-rigward tal-possibbiltà ta' trattament fiskali preferenzjali lil erba' klabbs sportivi professjonali tal-futbol, fosthom ir-rikorrent, meta mqabbla mal-kumpanniji SAS.
- 5 Matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni rċeviet u analizzat osservazzjonijiet bil-miktub mir-Renju ta' Spanja u mill-partijiet interessati, fosthom ir-rikorrent.
- 6 Permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2016/2391 tagħha tal-4 ta' Lulju 2016 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.29769 (2013/C) (ex 2013/NN) implimentata minn Spanja għal ċerti klabbs tal-futbol (ĠU 2016, L 357, p. 1, iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”), il-Kummissjoni kkonkludiet li, permezz tal-Liġi 10/1990, ir-Renju ta' Spanja kien daħħal illegalment għajnuna fil-forma ta' privileġġ fiskali fil-qasam tat-taxxa fuq il-kumpanniji għall-benefiċċju tar-rikorrent, tal-Club Atlético Osasuna, tal-Athletic Club u tar-Real Madrid Club de Fútbol, bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE (Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata). Il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li din l-iskema ma kinitx kompatibbli mas-suq intern u, konsegwentement, ordnat lir-Renju ta' Spanja itemmha (Artikolu 4(4)) u jirkupra mingħand il-benefiċjarji d-differenza bejn it-taxxa fuq il-kumpanniji mħallsa u t-taxxa fuq il-kumpanniji li għaliha dawn kienu jkunu suġġetti li kieku kellhom il-forma ġuridika ta' kumpanniji SAS, b'effett mis-sena fiskali 2000 (Artikolu 4(1)), b'riżerva b'mod partikolari tal-possibbiltà li l-għajnuna tkun għajnuna *de minimis* (Artikolu 2). Fl-aħħar nett, id-deċiżjoni kkontestata tobbliga lid-destinatarju tagħha jikkonforma mar-rekwiżiti inklużi fid-dispożittiv tagħha, b'mod immedjat u effettiv fir-rigward tal-irkupru tal-għajnuna mogħtija (Artikolu 5(1)), u fi żmien erba' xhur min-notifika tagħha fir-rigward tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni fl-intier tagħha (Artikolu 5(2)).

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

- 7 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-7 ta' Diċembru 2016, ir-rikorrent ippreżenta din l-azzjoni.
- 8 Fl-ambitu tar-rikors, ir-rikorrent ressaq ukoll quddiem il-Qorti Ġenerali talba għall-produzzjoni ta' dokument dwar il-proċedura ta' rkupru tal-għajnuna.

- 9 Il-Kummissjoni ppreżentat ir-risposta fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-27 ta' Frar 2017.
- 10 Il-rikorrent ippreżentat ir-replika fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-19 ta' April 2017.
- 11 Permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' April 2017, il-President tar-Raba' Awla tal-Qorti Ġenerali awtorizza lir-Renju ta' Spanja sabiex jintervjeni insostenn tat-talbiet tar-rikorrent.
- 12 Il-Kummissjoni ppreżentat il-kontroreplika fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-6 ta' Ġunju 2017.
- 13 Ir-Renju ta' Spanja ppreżenta n-nota ta' intervent fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-6 ta' Lulju 2017.
- 14 Fis-27 ta' Lulju u fit-23 ta' Awwissu 2017 rispettivament, il-Kummissjoni u r-rikorrent ippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar in-nota ta' intervent.
- 15 Permezz ta' ittra tat-3 ta' Settembru 2017, ir-rikorrent indika li kien jixtieq li jinstema' waqt is-seduta.
- 16 Il-Qorti Ġenerali, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 89 tar-Regoli tal-Proċedura, għamlet mistoqsijiet bil-miktub lill-Kummissjoni u lir-Renju ta' Spanja, li dawn wiegħbu fit-terminu stabbilit.
- 17 Waqt is-seduta, il-Kummissjoni rrinunzjat għall-kontestazzjoni tal-ammissibbiltà tar-rikors, u dan tniżżel fil-verbal tas-seduta.
- 18 Permezz ta' ittra tat-28 ta' Ġunju 2018, ir-rikorrent ressaq talba għall-ommissjoni ta' ċerta data fir-rigward tal-pubbliku.
- 19 Permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Lulju 2018, il-President tar-Raba' Awla tal-Qorti Ġenerali ppronunzja l-għeluq tal-fażi orali tal-proċedura.
- 20 Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:
- prinċipalment, tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
 - sussidjarjament, tannulla l-Artikoli 4 u 5 tad-deċiżjoni kkontestata;
 - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.
- 21 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:
- tiċhađ ir-rikors;
 - tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż.
- 22 Ir-Renju ta' Spanja jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:
- tilqa' r-rikors ippreżentat mir-rikorrent u tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
 - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Id-dritt

23 Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka ħames motivi, ibbażati:

- l-ewwel wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 49 TFUE, moqri flimkien mal-Artikoli 107 u 108 TFUE kif ukoll mal-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, sa fejn il-Kummissjoni naqset mill-obbligu tagħha li tiegħu inkunsiderazzjoni, fil-proċeduri tal-għajnuna mill-Istat, ksur ta' dispożizzjonijiet oħra tat-Trattat;
- it-tieni wieħed, essenzjalment, fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE, minħabba, minn naħa, żball ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' vantaġġ u, min-naħa l-oħra, ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba fil-kuntest tal-eżami tal-eżistenza ta' tali vantaġġ;
- it-tielet wieħed, fuq ksur tal-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali;
- ir-raba' wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE, minħabba l-fatt li l-miżura inkwistjoni hija ġġustifikata mil-loġika interna tas-sistema fiskali;
- il-ħames wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 108(1) TFUE u tal-Artikoli 21 sa 23 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 [TFUE] (ĠU 2015, L 248, p. 9), sa fejn il-Kummissjoni ma rrispettatx il-proċedura prevista għall-għajnuna eżistenti.

Fuq it-talba għall-produzzjoni ta' dokument

24 Waqt is-seduta, ir-rikorrent indika, bi tweġiba għal mistoqsija tal-Qorti Ġenerali, li d-dokument li huwa talab il-produzzjoni tiegħu (ara l-punt 8 iktar 'il fuq) ma kienx għadu jeżisti, u dan ġie kkonfermat mir-Renju ta' Spanja. Għalhekk, ma huwiex neċessarju li tingħata deċiżjoni dwar din it-talba ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 49 TFUE moqri flimkien mal-Artikoli 107 u 108 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali

25 Ir-rikorrent isostni li l-Kummissjoni, billi injorat iċ-ċirkustanza partikolari li l-Liġi 10/1990, li kienet is-suġġett tad-deċiżjoni kkontestata, hija kuntrarja għall-Artikolu 49 TFUE sa fejn hija timponi indebitament fuq il-klabbs tal-isport professjonali forma legali, kisret l-obbligu tagħha li tiegħu inkunsiderazzjoni, fil-proċedura inkwistjoni, ksur ta' dispożizzjonijiet oħra tat-Trattat. Il-Liġi 10/1990 tillimita l-libertà tal-għażla tal-forma legali u, għalhekk, il-libertà ta' stabbiliment, li l-Kummissjoni naqset milli tiegħu inkunsiderazzjoni.

26 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrent.

27 Permezz tal-motiv tiegħu, ir-rikorrent jallega, essenzjalment, li l-Kummissjoni kellha tikkonstata li l-obbligu għal klabbs sportivi professjonali li jittrasformaw ruħhom f'kumpanniji SAS kien imur kontra l-Artikolu 49 TFUE. Issa, din il-konstatazzjoni kellha twassalha għall-għeluq ta' din il-proċedura sabiex jiġi applikat l-Artikolu 49 TFUE biss għall-miżura statali li tobbliga lill-klabbs sportivi professjonali li jittrasformaw ruħhom f'kumpanniji SAS. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrent jinvoka ksur tal-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, dwar il-libertà ta' intrapriża, mingħajr ma jipprovdni argument speċifiku u indipendenti minn dak żviluppat fid-dawl tal-Artikoli 49, 107 u 108 TFUE.

- 28 Qabelxejn, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni tiddisponi, fir-rigward tal-għażla ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, minn setgħa diskrezzjonali li teskludi d-dritt għall-individwi li jeżiġu minn din l-istituzzjoni li hija tiegħu pożizzjoni f'sens partikolari (ara d-digriet tat-24 ta' Novembru 2016, *Petratis vs Il-Kummissjoni*, C-137/16 P, mhux ippubblikat, EU:C:2016:904, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata). L-għażliet proċedurali magħmula mill-Kummissjoni f'dan il-każ, li jfittxu l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 TFUE minflok tal-Artikolu 49 TFUE, għalhekk ma jaqgħux taħt l-istħarriġ tal-Qorti Ġenerali.
- 29 Hija wkoll ġurisprudenza stabbilita li, għalkemm il-proċedura prevista fl-Artikoli 107 TFUE u 108 TFUE tħalli marġni ta' diskrezzjoni lill-Kummissjoni sabiex tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà ta' skema ta' għajjnuna mill-Istat mar-rekwiżiti tas-suq intern, mill-istruttura ġenerali tat-Trattat jirriżulta li din il-proċedura ma għandha qatt twassal għal riżultat li jmur kontra d-dispożizzjonijiet speċifiċi tiegħu (ara s-sentenza tad-9 ta' Settembru 2010, *British Aggregates et vs Il-Kummissjoni*, T-359/04, EU:T:2010:366, punt 91 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 30 Dan l-obbligu għall-Kummissjoni jimponi ruħu partikolarment fil-każ li dawn id-dispożizzjonijiet l-oħra jkunu jirrigwardaw ukoll kompetizzjoni mhux distorta fis-suq intern, bħal, f'dan il-każ, l-Artikolu 49 TFUE, li l-għan tiegħu huwa li tiġi protetta l-libertà ta' stabbiliment u, b'hekk, il-kompetizzjoni libera bejn l-operaturi ekonomiċi ta' Stat Membru stabbiliti fi Stat Membru ieħor u l-operaturi ekonomiċi ta' dan l-Istat Membru tal-aħħar. Fil-fatt, meta tadotta deċizzjoni dwar il-kompatibbiltà ta' għajjnuna mas-suq intern, il-Kummissjoni ma tistax tinjora r-riskju ta' effett ħażin fuq il-kompetizzjoni fis-suq intern min-naħa ta' operaturi ekonomiċi partikolari (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2015, *Niki Luftfahrt vs Il-Kummissjoni*, T-511/09, EU:T:2015:284, punt 215).
- 31 Madankollu, għandu jiġi nnotat li, f'dan il-każ, ir-rikorrent ma jinvokax kontradizzjoni tal-eżitu ta' din il-proċedura, fil-kuntest tal-eżami tal-kompatibbiltà tal-iskema ta' għajjnuna, mal-prinċipju ta' libertà ta' stabbiliment stabbilit fl-Artikolu 49 TFUE. Huwa jiddeplora, mill-banda l-oħra, il-fatt li l-Kummissjoni ma eżaminatx jekk il-Liġi 10/1990, li hija qieset li kienet tikser l-Artikoli 107 u 108 TFUE billi stabbilixxiet skema ta' eċċezzjoni għall-vantaġġ ta' erba' klabbs tal-futbol professjonali, kinitx, barra minn hekk, kuntrarja għall-Artikolu 49 TFUE sa fejn din tistabbilixxi r-regola li l-klabbs sportivi professjonali Spanjoli kellhom jittrasformaw ruħhom f'kumpanniji SAS.
- 32 F'dan ir-rigward, minkejja li l-ġurisprudenza msemmiya fil-punti 29 u 30 iktar 'il fuq tistabbilixxi obbligu, għall-Kummissjoni, li ma tiddikjarax kompatibbli għajjnuna mill-Istat li, permezz ta' xi wħud mill-modalitajiet tagħha, tikser dispożizzjonijiet oħra tat-Trattat (ara s-sentenza tad-9 ta' Settembru 2010, *British Aggregates et vs Il-Kummissjoni*, T-359/04, EU:T:2010:366, punt 92 u l-ġurisprudenza ċċitata), hija ma teżiġix, mill-banda l-oħra, li l-Kummissjoni teżamina jekk tali ksur jeżistix banda oħra meta hija tkun diġà kklassifikat il-miżura inkwistjoni bħala għajjnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli.
- 33 Fil-fatt, l-obbligu li jittieħed inkunsiderazzjoni l-ksur ta' dispożizzjonijiet oħra tat-Trattat fil-kuntest ta' proċedura fil-qasam tal-għajjnuna mill-Istat għandu jinftiehem fid-dawl tar-rekwiżit imperattiv li l-proċedura ma twassalx għal riżultat li jmur kontra l-imsemmija dispożizzjonijiet tat-Trattat, billi jkollha impatt negattiv fuq is-suq intern (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2014, *Castelnou Energía vs Il-Kummissjoni*, T-57/11, EU:T:2014:1021, punt 189) u billi toħloq, fil-kuntest ta' ksur tal-Artikolu 49 TFUE, ir-riskju ta' effett ħażin fuq il-kompetizzjoni min-naħa ta' operaturi ekonomiċi partikolari.
- 34 Barra minn hekk, ġie deċiż li ċ-ċirkustanza li miżura, bħall-obbligu ta' trasformazzjoni f'kumpannija SAS tal-klabbs sportivi professjonali stabbiliti fi Spanja, kienet, fejn applikabbli, tmur kontra dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni Ewropea oħra minbarra l-Artikoli 107 u 108 TFUE ma tippermettix li mill-klassifikazzjoni ta' "għajjnuna mill-Istat" tiġi eskluża l-eżenzjoni ta' din il-miżura li minnha jibbenefikaw ċerti impriżi, u dan sakemm il-miżura inkwistjoni kienet tipproduċi effetti

fir-rigward ta' impriżi oħra u ma ġietx la abrogata u lanqas iddikjarata illegali u, għaldaqstant, inapplikabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Marzu 2005, Heiser, C-172/03, EU:C:2005:130, punt 38, u tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs Aer Lingus u Ryanair Designated Activity, C-164/15 P u C-165/15 P, EU:C:2016:990, punt 69).

- 35 Minn dan isegwi li l-Kummissjoni ma hijiex kompetenti, fil-kuntest ta' proċedura miftuħa fil-qasam tal-ġajjnuna mill-Istat, sabiex tikkonkludi dwar l-eżistenza ta' ksur awtonomu tal-Artikolu 49 TFUE u li tislet minnu l-konsegwenzi tad-dritt li jirriżultaw, barra mill-ipoteżi ristretta, koperta mill-ġurisprudenza msemmija fil-punti 29 u 30 iktar 'il fuq, fejn l-inkompatibbiltà tal-miżura ta' ġajjnuna inkwistjoni tirriżulta mill-ksur tal-Artikolu 49 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2000, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-156/98, EU:C:2000:467, punt 76).
- 36 Jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti li dan il-motiv huwa bbażat fuq konfużjoni tar-rikorrenti fir-rigward tal-portata tal-obbligu li jittieħed inkunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, il-ksur ta' dispożizzjonijiet oħra tat-Trattat FUE fil-kuntest ta' proċedura dwar l-ġajjnuna mill-Istat.
- 37 Fl-assenza ta' obbligu tal-Kummissjoni li tanalizza, fil-kuntest tal-proċedura li wasslet għad-deċiżjoni kkontestata, l-eżistenza ta' ksur possibbli tal-Artikolu 49 TFUE, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata tikklassifika diġà l-miżura kkonċernata bħala ġajjnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli, hemm lok li dan il-motiv jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat, essenzjalment, fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE, minħabba, minn naħa, żball ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-eżistenza ta' vantaġġ u, min-naħa l-oħra, ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba fl-eżami tal-eżistenza tal-imsemmi vantaġġ

- 38 Ir-rikorrent, sostnut mir-Renju ta' Spanja, jikkunsidra li l-Kummissjoni pproċediet b'paragun formali tar-rati ta' tassazzjoni applikabbli għall-kumpaniji b'responsabbiltà limitata u għall-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ, rispettivament, mingħajr ma eżaminat il-portata tal-istanzi ta' tnaqqis fiskali, distinti, li għalihom tal-ewwel u tat-tieni huma intitolati. B'dan il-mod, hija ma vverifikatx jekk, matul il-perijodu li jkopri s-snin 1995 sa 2016, ir-rata effettiva ta' tassazzjoni tal-erba' klabbs tal-futbol inkwistjoni kinitx, jew le, iktar vantaġġuża. Il-Kummissjoni għalhekk naqset mill-obbligu tagħha li twettaq analiżi kompleta u imparzjali tal-elementi kollha rilevanti u ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-konsegwenzi kumulattivi tal-intervent statali inkwistjoni u, għalhekk, tal-effetti reali tiegħu. Il-Kummissjoni kellha, barra minn hekk, tfittex b'mod attiv, inkluż permezz ta' talbiet għal informazzjoni, l-elementi li jinkriminaw kif ukoll dawk li jiskaġunaw. Issa, l-eżami komparattiv tal-effetti kumulattivi tar-rata ta' tassazzjoni u tat-tnaqqis applikabbli juri li l-iskema inkwistjoni kellha fil-fatt effett sfavorevoli fuq ir-rikorrent, meta mqabbla mal-iskema applikabbli għall-kumpanniji b'responsabbiltà limitata. Lil hinn mill-każ partikolari tar-rikorrent, is-sistema fiskali Spanjola hija intiża, b'mod ġenerali, sabiex tinnewtralizza d-diverġenzi fir-rati ta' tassazzjoni bejn kumpanniji b'responsabbiltà limitata u entitajiet mingħajr skop ta' qligħ. Ir-Renju ta' Spanja jżid li l-miżura kontenzjuża kienet intiża biss sabiex tistabbilixxi qafas li jippermetti t-tindif tas-sitwazzjoni tal-klabbs tal-futbol professjonali.
- 39 Ir-rikorrent isostni wkoll, fil-kuntest ta' dan il-motiv, li d-deċiżjoni kkontestata kisret l-Artikolu 107(1) TFUE, fl-assenza ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni.
- 40 Fl-aħħar nett ir-rikorrent isostni li d-deċiżjoni kkontestata tikser il-preżunzjoni tal-innoċenza.
- 41 Il-Kummissjoni titlob li dan il-motiv jiġi miċħud, għar-raġuni li hija ssodisfat il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-ġurisprudenza fil-qasam ta' skema ta' ġajjnuna, billi l-analiżi tal-ġajjnuna mogħtija individwalment saret biss fl-istadju tal-irkupru. Barra minn hekk, hija tirrileva li l-argument li hija wettqet biss paragun tar-rati ta' tassazzjoni applikabbli, mingħajr ma qieset ir-rati effettivi, huwa infondat fil-fatt. Il-paragun tar-rati effettivi, fuq il-bażi tad-data pprovduta mill-awtoritajiet Spanjoli matul il-proċedura amministrattiva, joħroġ l-eżistenza ta' vantaġġ. Il-Kummissjoni żżid li l-miżura

inkwistjoni ma kinitx tipprevedi mekkaniżmu awtomatiku sabiex jitneħħa l-vantaġġ hekk mogħti. F'dan ir-rigward, l-invokazzjoni, mir-rikorrent, ta' tnaqqis fiskali addizzjonali taħt l-iskema tal-kumpanniji SAS li possibbilment irriżulta minn investiment mill-ġdid tal-profitti fl-akkwist ta' plejers ġodda hija ineffettiva, peress li din hija bbażata fuq elementi ipotetiċi. B'mod ġenerali, l-allegata newtralizzazzjoni tad-diverġenzi bejn ir-rati ta' tassazzjoni bejn kumpanniji b'responsabbiltà limitata u entitajiet mingħajr skop ta' qligħ permezz ta' tnaqqis għal investiment mill-ġdid tirriżulta minn kalkolu simplifikat u potenzjalment żbaljat tar-rikorrent, li jonqos ukoll milli jieħu inkunsiderazzjoni diverġenzi oħra bejn l-iskemi li jaffettwaw ir-rata effettiva ta' tassazzjoni. Fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' eżami diliġenti u imparzjali, il-Kummissjoni tallega li dan huwa infondat fil-fatt u li, fi kwalunkwe każ, ir-rikorrent ma sostnietx matul il-proċedura amministrattiva li d-diverġenza fir-rati hija kkompensata mid-diverġenza fil-limiti massimi ta' tnaqqis għal investiment mill-ġdid.

- 42 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-kunċett ta' "għajnuna mill-Istat", kif iddefinit fit-Trattat, huwa ta' natura legali u għandu jiġi interpretat fuq il-bażi ta' elementi oġġettivi. Għal din ir-raġuni, il-qorti tal-Unjoni għandha, bħala prinċipju u fid-dawl tal-elementi konkreti tat-tilwima mressqa quddiemha u kif ukoll tan-natura teknika jew kumplessa tal-evalwazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni, teżerċita sħarriġ sħiħ fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk miżura tidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE (ara s-sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, SNCM u Franza vs Corsica Ferries France, C-533/12 P u C-536/12 P, EU:C:2014:2142, punt 15 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 43 L-istess jgħodd għall-kwistjoni dwar jekk miżura tagħtix vantaġġ lil impriża jew le.
- 44 Għandu jittfakkar li huma meqjusa għajnuna mill-Istat l-interventi li, taħt kwalunkwe forma, jistgħu jiffavorixxu direttament jew indirettament lil impriżi jew li għandhom jitqiesu bħala vantaġġ ekonomiku li l-impriża beneficijarja ma kinitx tikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq (ara s-sentenza tas-16 ta' April 2015, Trapeza Eurobank Ergasias, C-690/13, EU:C:2015:235, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 45 Il-kunċett ta' għajnuna jinkludi mhux biss beneficiċċi pożittivi bħal sussidji, iżda wkoll interventi li, f'forom differenti, itaffu l-piżijiet li normalment itaqqlu l-baġit ta' impriża u li, għaldaqstant, mingħajr ma jkun sussidji fis-sens strett tal-kelma, ikunu tal-istess natura u jkollhom effetti identiċi (sentenzi tad-19 ta' Mejju 1999, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-6/97, Ġabra, EU:C:1999:251, punt 15; tal-21 ta' Marzu 2013, Il-Kummissjoni vs Buczek Automotive, C-405/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:186, punt 30, u tal-20 ta' Settembru 2017, Il-Kummissjoni vs Frucona Košice, C-300/16 P, EU:C:2017:706, punt 20).
- 46 F'dan ir-rigward, miżura li permezz tagħha l-awtoritajiet pubbliċi jagħtu lil ċerti impriżi trattament fiskali vantaġġuż li, għalkemm ma tinvolvix trasferiment ta' riżorsi tal-Istat, tqiegħed lill-benefiċjarji f'sitwazzjoni finanzjarja iktar favorevoli minn dik tal-persuni taxxabbli l-oħra tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE (sentenzi tal-15 ta' Marzu 1994, Banco Exterior de España, C-387/92, EU:C:1994:100, punt 14, u tad-9 ta' Ottubru 2014, Ministerio de Defensa u Navantia, C-522/13, EU:C:2014:2262, punt 23).
- 47 Għandu jiġi nnotat ukoll li l-interventi statali jieħdu diversi forom u għandhom jiġu analizzati fid-dawl tal-effetti tagħhom. Għalhekk, fejn intervent statali jkollu konsegwenzi differenti għall-benefiċjarji, il-Kummissjoni għandha tiegħu inkunsiderazzjoni l-effett kumulattiv ta' dawn il-konsegwenzi sabiex teżamina l-eżistenza ta' vantaġġ li jista' jkun hemm (sentenza tat-13 ta' Settembru 2013, Poste Italiane vs Il-Kummissjoni, T-525/08, mhux ippubblikata, EU:T:2013:481, punt 61). Fil-fatt, il-Kummissjoni għandha l-obbligu li tikkunsidra globalment il-miżuri kumplessi sabiex tiddetermina jekk dawn jagħtux vantaġġ ekonomiku lill-impriżi beneficijarji li huma qatt ma setgħu jiksibu taħt kundizzjonijiet normali tas-suq (sentenza tat-30 ta' Novembru 2009, Franza u France Télécom vs Il-Kummissjoni, T-427/04 u T-17/05, EU:T:2009:474, punt 199).

- 48 Dan huwa l-każ ukoll fl-okkażjoni tal-eżami ta' skema ta' għajnuna. F'dan ir-rigward, jekk, fil-każ ta' skema ta' għajnuna, il-Kummissjoni tista' tillimita ruħha għall-istudju tal-karatteristiċi ġenerali u astratti tal-iskema inkwistjoni, mingħajr ma hija marbuta teżamina kull każ ta' applikazzjoni partikolari, sabiex tivverifika jekk hemmx elementi ta' għajnuna (sentenza tal-15 ta' Diċembru 2005, Unicredito Italiano, C-148/04, EU:C:2005:774, punt 67), dan l-eżami għandu madankollu jinkludi dak tal-konsegwenzi differenti, kemm favorevoli kif ukoll sfavorevoli għall-benefiċjarji tagħha, tal-iskema inkwistjoni fejn in-natura mhux univoka tal-allegat vantaġġ tirriżulta mill-karatteristiċi stess tal-iskema.
- 49 Barra minn hekk, skont ukoll ġurisprudenza stabbilita, il-Kummissjoni hija marbuta, fl-interess tal-amministrazzjoni tajba tar-regoli fundamentali tat-Trattat dwar l-għajnuna mill-Istat, li tmexxi l-proċedura ta' investigazzjoni tal-miżuri inkriminanti b'mod diliġenti u imparzjali, sabiex ikollha, meta tiġi biex tadotta deċiżjoni finali li tistabbilixxi l-eżistenza u, jekk ikun il-każ, l-inkompatibbiltà jew l-illegalità tal-għajnuna, l-iktar elementi kompleti u affidabbli possibbli sabiex tagħmel dan (ara s-sentenza tat-3 ta' April 2014, Franza vs Il-Kummissjoni, C-559/12 P, EU:C:2014:217, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 50 Barra minn hekk, għandu jiġi speċifikat li l-legalità ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat għandha tiġi evalwata skont elementi ta' informazzjoni li l-Kummissjoni seta' kellha meta adottat dik id-deċiżjoni (sentenzi tal-14 ta' Settembru 2004, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-276/02, EU:C:2004:521, punt 31, u tat-2 ta' Settembru 2010, Il-Kummissjoni vs Scott, C-290/07 P, EU:C:2010:480, punt 91; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 1986, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, 234/84, EU:C:1986:302, punt 16).
- 51 Huwa fid-dawl tal-prinċipji li għadhom kif tfakkru li għandu jiġi eżaminat dan il-motiv, mingħajr il-ħtieġa li ssir distinzjoni bejn il-parti bbażata fuq l-iżball ta' evalwazzjoni u dik ibbażata fuq il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.
- 52 F'dan il-każ, għandu jiġi osservat qabelxejn li l-miżura prevista mid-deċiżjoni kkontestata hija r-riżultat tal-kombinazzjoni tal-applikazzjoni ta' trattament fiskali speċifiku għall-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ, li jippreċedi d-dħul fis-seħħ tal-Liġi 10/1990, u limitazzjoni tal-possibbiltà ta' użu ta' din il-forma legali għal ċerti klabbs tal-futbol professjonali li jaqgħu fil-kamp tal-eċċezzjoni introdotta bil-Liġi 10/1990. Il-Liġi 10/1990, filwaqt li tirriżerva l-benefiċċju tal-forma legali ta' entità mingħajr skop ta' qligħ, u għalhekk l-iskema fiskali assoċjata magħha, għall-erba' klabbs tal-futbol li jaqgħu fil-kamp tal-eċċezzjoni, ma tinkludi ebda dispożizzjoni ta' natura fiskali u għaldaqstant tħalli intatt, b'mod partikolari, il-kontenut tal-iskema fiskali tal-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ, irregolat minn testi distinti. Minn dan isegwi li l-miżura inkwistjoni tammonta għal restrizzjoni, fis-settur tal-isport professjonali Spanjol, tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-iskema fiskali tal-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ.
- 53 F'dan il-kuntest, sabiex jiġi evalwat b'mod partikolari jekk din il-miżura tistax tagħti vantaġġ, il-komponenti differenti tal-iskema fiskali tal-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ għandhom jiġu evalwati flimkien, sa fejn dawn jikkostitwixxu assjem indiviżibbli li l-Liġi 10/1990 biddlet biss, indirettament, fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tagħha.
- 54 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk il-Kummissjoni stabbilixxietx, suffiċjentement skont id-dritt, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-iskema fiskali tal-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ, meħuda fl-intier tagħha, kienet ta' natura li tqiegħed lill-benefiċjarji tagħha f'sitwazzjoni iktar vantaġġuża milli kieku dawn kellhom joperaw taħt il-forma ta' kumpannija SAS.
- 55 Id-deċiżjoni kkontestata tirrileva l-eżistenza ta' diverġenza bejn ir-rati ta' tassazzjoni li għalihom huma suġġetti l-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ u l-kumpanniji SAS. Hija tindika, fil-premessi 8 u 34, li r-rati kienu differenti mid-data tal-adozzjoni tal-miżura inkwistjoni, fl-1990, sas-sena finanzjarja 2015, billi l-Ley 27/2014 del Impuesto sobre Sociedades (il-Liġi 27/2014 dwar it-Taxxa fuq il-Kumpanniji),

tas-27 ta' Novembru 2014 (BOE Nru 288, tal-28 ta' Novembru 2014, p. 96939), temmett, b'effett mill-2016, din id-differenza. Din ir-rata, miżmuma għal 25 % għall-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ, kienet, għall-kumpanniji SAS, 35 % sal-2006, 32.5 % fl-2007, 30 % fl-2008, imbagħad 28 % fl-2015. Minkejja li huma differenti, ir-rati applikabbli fit-Territorio Histórico de Bizkaia (Spanja), minn naħa, u f'Navarra (Spanja), min-naħa l-oħra, fejn huma stabbiliti tnejn mill-erba' klabbs msemmija fid-deċiżjoni kkontestata (ara l-premessa 42), dawn huma wkoll iktar baxxi meta l-klabb taxxabbli huwa entità mingħajr skop ta' qligħ. Għaldaqstant huwa minnu li l-erba' klabbs li jibbenefikaw mill-iskema kontenzjuża kienu suġġetti, matul il-perijodu kkonċernat, għal rata nominali ta' tassazzjoni preferenzjali meta mqabbla mal-klabbs li joperaw taħt il-forma ta' kumpannija SAS.

- 56 Madankollu, kif indikat fil-punti 53 u 54 iktar 'il fuq, fid-dawl tan-natura tal-miżura inkwistjoni, l-eżami tal-vantaġġ li jirriżulta mir-rata ta' tassazzjoni preferenzjali ma jistax jinżamm distint minn dak ta' komponenti oħra tal-iskema fiskali tal-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ.
- 57 Fir-rigward b'mod partikolari tat-tnaqqis fiskali għal investiment mill-ġdid tal-profitti eċċezzjonali, Real Madrid Club de Fútbol jirriveja, kif imsemmi fil-premessa 68 tad-deċiżjoni kkontestata, li dan kien ikbar għall-kumpanniji SAS milli għall-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ. Jekk parti massima ta' 12 % mill-profitti eċċezzjonali investiti mill-ġdid minn kumpannija SAS setgħet titnaqqas mill-ammont ta' taxxa dovuta, taħt forma ta' kreditu ta' taxxa, dan il-limitu kien stabbilit għal 7 % għall-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ. Dawn ir-rati kienu ġew emendati diversi drabi filwaqt li d-deċiżjoni kkontestata kkonstatat biss l-aħħar rati applikabbli. Real Madrid Club de Fútbol, bħala parti interessata matul il-proċedura amministrattiva, allega (premessi 26 u 27 tad-deċiżjoni kkontestata) li dan it-tnaqqis, skont iċ-ċirkustanzi, seta' jkun sinjifikattiv ħafna, u dan jispjega b'mod partikolari li, għall-perijodu bejn l-2000 u l-2013, l-iskema fiskali tal-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ kienet għalih "ferm iktar sfavorevoli" mill-iskema tal-kumpanniji SAS. Il-parti interessata bbażat ruħha, f'dan ir-rigward, fuq rapport redatt mill-konsulenti tat-taxxa tagħha. F'dan ir-rigward, l-allegazzjoni tal-Kummissjoni, ifformulata għall-ewwel darba waqt is-seduta, li Real Madrid Club de Fútbol kien fil-fatt kiseb, għall-parti l-kbira tas-snin inkwistjoni, vantaġġ mill-iskema ta' għajnuna kontenzjuża ma hijiex sostnuta u ma dehritx, fi kwalunkwe każ, fid-deċiżjoni kkontestata.
- 58 Id-deċiżjoni kkontestata madankollu teskludi li l-vantaġġ relattiv li jirriżulta mil-limitu massimu oġġla ta' tnaqqis fiskali applikabbli għal kumpanniji SAS jibbilanċja r-rata preferenzjali ta' tassazzjoni li minnha bbenefikaw l-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ, minħabba li, minn naħa, ma huwiex approvat li din is-sistema ta' tnaqqis fiskali "hija fil-prinċipju u fuq medda itwal aktar vantaġġuża" u, min-naħa l-oħra, li t-tnaqqis fiskali "jingħata biss taħt ċerti kundizzjonijiet li ma japplikawx kontinwament" (premissa 68).
- 59 Issa, il-Kummissjoni, li fuqha jaqa' l-oneru tal-prova tal-eżistenza ta' vantaġġ li jirriżulta mill-iskema fiskali tal-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ, li d-diversi komponenti tiegħu ma jistgħux f'dan il-każ jiġu sseparati, ma setgħetx tikkonkludi dwar l-eżistenza ta' dan il-vantaġġ mingħajr ma turi li l-massimu tat-tnaqqis fiskali flivell inqas vantaġġuż għall-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ milli għall-kumpanniji SAS ma kkumpensax għall-vantaġġ dedott mir-rata nominali ta' tassazzjoni iktar baxxa (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-25 ta' Ġunju 1970, *Francia vs Il-Kummissjoni*, 47/69, EU:C:1970:60, punt 7, u tat-8 ta' Diċembru 2011, *France Télécom vs Il-Kummissjoni*, C-81/10 P, EU:C:2011:811, punt 43). F'dan ir-rigward, hija setgħet titlob, fil-limiti tal-obbligi investigattivi tagħha fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva, l-elementi ta' informazzjoni li jidhru rilevanti għall-evalwazzjoni li għandha ssir f'dan ir-rigward (sentenza tal-20 ta' Settembru 2017, *Il-Kummissjoni vs Frucona Košice*, C-300/16 P, EU:C:2017:706, punt 71).
- 60 F'dan il-każ, is-sempliċi konstatazzjoni tal-kundizzjonalità tal-benefiċċju tat-tnaqqis fiskali ma hijiex biżżejjed sabiex tissodisfa r-rekwiżiti mfakkra fil-punt preċedenti. Minn naħa, tnaqqis fiskali jista' fih innifsu jikkostitwixxi għajnuna (sentenza tat-15 ta' Lulju 2004, *Spanja vs Il-Kummissjoni*, C-501/00, EU:C:2004:438, punt 120). Għaldaqstant, diverġenza bejn il-limiti massimi ta' tnaqqis fiskali tista' tinvolvi element ta' għajnuna, u dan jiġġustifika, minkejja l-kundizzjonalità tagħha, li din tittieħed

inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-eżami tal-eżistenza ta' vantaġġ li jirriżulta mill-iskema kontenżjuża. Min-naħa l-oħra, jekk it-twertiq ta' investimenti li jiġġustifika l-benefiċċju tat-tnaqqis fiskali ma huwiex neċessarjament data li tista' tiġi rripetuta b'mod "kontinwu", l-istess jista' jingħad għat-twertiq ta' profitti. Huwa biżżejjed li jiġi rrilevat, bħala eżempju, li l-eċċezzjoni stabbilita mil-Liġi 10/1990 għall-obbligu tal-konverżjoni f'kumpanniji SAS, ikkundizzjonata għal kisba ta' riżultat pożittiv fis-snin ta' qabel l-adozzjoni tal-Liġi, kienet tikkonċerna biss, fis-settur sportiv professjonali Spanjol kollu, erba' klabbs. Barra minn hekk, fl-assenza partikolarment ta' analiżi tal-possibbiltajiet ta' trasferiment tat-tnaqqis fiskali, hija nieqsa l-evalwazzjoni dwar il-possibbiltà ta' newtralizzazzjoni fuq perijodu ta' żmien tal-effetti ta' dan il-mekkaniżmu fiskali, li tista' tikkompensa għan-natura allegatament mhux "kontinwa" rrilevata fid-deċiżjoni kkontestata. Għaldaqstant, l-elementi mressqa fil-premessa 68 tad-deċiżjoni kkontestata ma jippermettux li jiġi eskluż li l-possibbiltajiet inqas ta' tnaqqis fiskali tal-iskema tal-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ jibbilanċjaw il-vantaġġ dedott mir-rata nominali ta' tassazzjoni iktar baxxa.

- 61 Id-deċiżjoni kkontestata tibbaża ruħha wkoll fuq studju mogħti mir-Renju ta' Spanja matul il-proċedura amministrattiva u li d-data tiegħu hija riprodotta fil-premessa 35, li minnha jirriżulta li, f'perijodu bejn 2008 u 2011, bl-eċċezzjoni tal-2010, ir-rata effettiva ta' tassazzjoni tal-entitajiet suġġetti għall-iskema fiskali ġenerali kienet oġġla minn dik tal-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ. Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa 70 li, anki jekk tqis id-diversi possibbiltajiet ta' tnaqqis fiskali, "[i]t-tassazzjoni effettiva li minnha bbenefikaw l-erba' klabbs sportivi [benefiċjarji tal-iskema kontenżjuża] tkun aktar baxxa meta mqabbla mat-tassazzjoni normali għall-kumpanniji [SAS]". Din l-affermazzjoni hija bbażata fuq affermazzjoni simili, fil-premessa 67, li, fuq il-bażi taċ-ċifri pprovduti mir-Renju ta' Spanja, "fil-biċċa l-kbira tas-snin it-tassazzjoni effettiva ta' klabbs tal-futbol professjonali li ġew intaxxati bħala organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ kienet aktar baxxa minn dik ta' entitajiet komparabbli bis-sistema fiskali ġenerali".
- 62 Kif jirrilevaw ir-rikorrent u r-Renju ta' Spanja, iċ-ċifri pprovduti minn dan tal-aħħar ma jissostanzjawx il-konklużjoni preċedenti, sa fejn dawn jirrigwardaw data aggregata, għas-setturi u l-operaturi kollha flimkien, filwaqt li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar ir-rata ta' tassazzjoni tal-erba' klabbs benefiċjarji b'paragun ma' dik tal-kumpanniji SAS. Barra minn hekk, din id-data tirrigwarda erba' snin, mill-2008 sal-2011, filwaqt li l-perijodu kkonċernat mill-iskema kontenżjuża huwa bejn l-1990 u l-2015 u l-perijodu, mhux preskritt, kopert mill-ordni ta' rkupru jibda b'effett mis-sena fiskali 2000 (premessa 93). Għalhekk, il-Kummissjoni ma baqgħetx f'pożizzjoni, fuq il-bażi tar-rapport mibgħut mir-Renju ta' Spanja, li tafferma li, "fil-biċċa l-kbira tas-snin it-tassazzjoni effettiva ta' klabbs tal-futbol professjonali li ġew intaxxati bħala organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ kienet aktar baxxa minn dik ta' entitajiet komparabbli bis-sistema fiskali ġenerali" (premessa 67). Minn dan isegwi li l-Kummissjoni wettqet żball fl-evalwazzjoni tal-fatti.
- 63 Għad irid jiġi vverifikat jekk, minkejja dan l-iżball, il-Kummissjoni kinitx intitolata, kif hija ssostni, tibbaża ruħha biss fuq data pprovduta mir-Renju ta' Spanja sabiex tikkonkludi dwar l-eżistenza ta' vantaġġ.
- 64 Kif ġie mfakkar fil-punt 46 iktar 'il fuq, il-klassifikazzjoni ta' trattament fiskali vantaġġuż tippreżupponi li dan ikun ta' natura li tqiegħed lill-benefiċjarji f'sitwazzjoni finanzjarja iktar favorevoli minn dik ta' persuni taxxabbli oħra. Fid-dawl tan-natura u tal-estent tal-miżura kontenżjuża, din tippreżupponi, f'dan il-każ, li l-iskema fiskali tal-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ hija ta' natura li tiffavorixxi l-erba' klabbs benefiċjarji meta mqabbla mal-entitajiet komparabbli suġġetti għall-iskema ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, ACEA vs Il-Kummissjoni, T-297/02, EU:T:2009:189, punt 64).
- 65 Issa, anki jekk jitqies li d-data inkluża fir-rapport ikkomunikat mir-Renju ta' Spanja u riprodotta fil-premessa 35 tad-deċiżjoni kkontestata għandha t-tendenza li ssostni l-konstatazzjoni ta' vantaġġ li jirriżulta, b'mod ġenerali, mill-iskema fiskali tal-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ, din għandha titqabbel mal-punti ta' fatt, imsemmija fil-punt 57 iktar 'il fuq, li ġew ukoll mressqa quddiem il-Kummissjoni

matul il-proċedura amministrattiva. Minn dawn l-elementi tal-aħħar jirriżulta li wieħed mill-erba' klabbs benefiċjarji indika li l-iskema tal-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ kienet għalih ta' iktar żvantaġġ mill-iskema ġenerali, għall-perjodu bejn Lulju 2000 u Ġunju 2013, mingħajr ma ġie kontradett mill-Kummissjoni. Dan il-perjodu, li l-Kummissjoni tikklassifika bħala "perjodu partikolari" (premessa 68), jirrappreżenta fil-fatt it-total kollu tas-snin mhux preskritti u magħluqa fid-data tal-istabbiliment tar-rapport mill-konsulenti tat-taxxa tal-klabb inkwistjoni, kif ikkonfermat il-Kummissjoni bi twegħiba għal mistoqsija bil-miktub tal-Qorti Ġenerali. Dan l-istess klabb irrileva, bħar-rikorrent fl-atti tagħha, li t-tnaqqis fiskali seta' jkun sinjifikattiv ħafna fis-settur ikkonċernat, din l-importanza tirriżulta b'mod partikolari mill-prattika tat-trasferimenti tal-plejers. F'dan ir-rigward, il-pożizzjoni tal-Kummissjoni, żviluppata għall-ewwel darba waqt is-seduta, li tqiegħed f'dubju r-regolarità tal-prattika tat-trasferimenti tal-plejers fis-settur tal-futbol professjonali, ma hijiex sostnuta u ma tinsabx, fi kwalunkwe każ, fid-deċiżjoni kkontestata.

- 66 Minn dan isegwi li l-Kummissjoni kellha, fil-mument li adottat id-deċiżjoni kkontestata, elementi li jenfasizzaw l-ispeċifità tas-settur ikkonċernat fir-rigward tal-importanza tat-tnaqqis fiskali, u dan kellu jwassal għal dubji dwar il-possibbiltà li jiġu applikati għal dan is-settur il-konstatazzjonijiet magħmula, is-setturi kollha flimkien, dwar it-tassazzjoni effettiva tal-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ u l-entitajiet suġġetti għall-iskema ġenerali.
- 67 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma ssodisfatx, b'mod suffiċjenti skont id-dritt, l-oneru tal-prova li l-miżura kontenżjuża kienet tagħti vantaġġ lill-benefiċjarji tagħha.
- 68 Ebda argument imressaq mill-Kummissjoni ma jdgħajef din il-konklużjoni.
- 69 Fl-ewwel lok, il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2005, Unicredito Italiano (C-148/04, EU:C:2005:774), li tipprovdi li l-Kummissjoni tista' tillimita ruħha għall-eżami tal-karatteristiċi ġenerali u astratti tal-iskema inkwistjoni, mingħajr ma hija obbligata teżamina kull każ ta' applikazzjoni partikolari, ma teżentahix, f'każ bħal dak tal-każ ineżami, milli teżamina l-konsegwenzi kollha, kemm vantaġġużi u kif ukoll żvantaġġużi, li jirriżultaw mill-karatteristiċi stess tal-iskema kontenżjuża (ara l-punt 46 iktar 'il fuq), filwaqt li jtfakkar li l-oneru tal-prova tal-eżistenza ta' vantaġġ huwa tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, din il-ġurisprudenza għandha tinqara flimkien mal-obbligu, tal-Kummissjoni, li tmexxi l-proċedura ta' investigazzjoni tal-miżura kontenżjuża b'mod diliġenti u imparzjali, sabiex ikollha, meta tadotta d-deċiżjoni finali, l-iktar elementi kompleti u affidabbli possibbli (ara l-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 49 iktar 'il fuq; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Novembru 2008, Hotel Cipriani *et vs* Il-Kummissjoni, T-254/00, T-270/00 u T-277/00, EU:T:2008:537, punt 210). Minn dan isegwi li l-ġurisprudenza invokata ma hijiex ta' natura li tikkonfuta l-konstatazzjoni, f'dan il-każ, ta' żball imwettaq mill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' vantaġġ. Fi kwalunkwe każ, ir-riferiment għall-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2005, Unicredito Italiano (C-148/04, EU:C:2005:774), huwa ineffettiv, sa fejn l-iżball ikkonstatat ma huwiex marbut mal-assenza ta' eżami ta' kull waħda mis-sitwazzjonijiet tal-benefiċjarji, iżda mal-assenza tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-ispeċifità tas-settur previst mill-miżura kontenżjuża, mill-perspettiva tal-importanza tat-tnaqqis fiskali. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li d-deċiżjoni kkontestata mhux biss tikklassifika l-iskema inkwistjoni bħala skema ta' għajjnuna, iżda tippronunzja ruħha, fil-motivi tagħha (premessa 90) u fid-dispożittiv tagħha (Artikolu 1), dwar l-għajjnuna individwali mogħtija lill-erba' klabbs benefiċjarji, speċifikament imsemmija, billi indikat li "għalhekk [din] għandha titqies bħala għajjnuna illegali u inkompatibbli". Minn dan jirriżulta li, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, id-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi analizzata bħala deċiżjoni relatata kemm ma' skema ta' għajjnuna kif ukoll ma' għajjnuna individwali.
- 70 Fit-tieni lok, anki jekk jitqies, kif issostni l-Kummissjoni, li r-rikorrent ma ressaqx huwa stess argumenti, matul il-proċedura amministrattiva, dwar it-tnaqqis fiskali, xorta jibqa' l-fatt, kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti, li l-argument fattwali marbut mal-importanza tat-tnaqqis fiskali

fl-evalwazzjoni tal-effett tal-miżura kontenzjuża kien ifformulat matul din il-proċedura. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali tista' validament tevalwa, fuq il-bażi tal-elementi li l-Kummissjoni kellha meta adottat id-deċizzjoni kkontestata, jekk din stabbilixxiet b'mod suffiċjenti fid-dritt l-eżistenza ta' vantaġġ, fid-dawl tad-differenzi, bejn l-iskemi, fil-modalitajiet tat-tnaqqis fiskali (ara, f'dan is-sens, id-digriet tat-12 ta' Diċembru 2012, *Adriatica di Navigazione u Comitato "Venezia vuole vivere"* vs Il-Kummissjoni, T-231/00, mhux ippubblikat, EU:T:2012:667, punti 40 u 41).

- 71 Fit-tielet lok, il-Kummissjoni invokat, waqt is-seduta, is-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, *France Télécom vs Il-Kummissjoni* (C-81/10 P, EU:C:2011:811), u b'mod partikolari l-punti 24, 45 u 50 tagħha, filwaqt li enfasizzat li l-fatti fiż-żewġ kawżi kienu, fil-fehma tagħha, simili ħafna u kienu jeħtieġu, konsegwentement, l-istess soluzzjoni.
- 72 B'hekk, fil-punt 24 tas-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, *Francia Télécom vs Il-Kummissjoni* (C-81/10 P, EU:C:2011:811), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li "[d]in is-sistema partikolari ta' tassazzjoni, minħabba l-karatteristiċi tagħha kif deskritti fil-punt 18 ta' din is-sentenza, setgħet twassal għal tassazzjoni inqas fil-konfronti ta' *France Télécom* minn dik li din il-kumpannija kienet tkun suġġetta għaliha kieku kienet suġġetta għat-taxxa fuq in-negozjoni skont is-sistema tad-dritt komuni". Sabiex waslet għal din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, b'mod partikolari, li kien paċifiku li l-iskema inkwistjoni setgħet twassal, u effettivament wasslet, għal tassazzjoni iktar baxxa fil-konfronti ta' *France Télécom* (punt 19), f'kuntest fejn ir-rikorrenti kkritikat, permezz tal-aggravju tagħha, il-fatt li l-Qorti Ġenerali kienet ikkonkludiet li din l-iskema kienet vantaġġuża fiha nnifisha meta din kienet tiddependi, fil-fehma tagħha, minn fatturi esterni għall-imsemmija skema. Fir-rigward tal-iskema inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat ukoll li din kienet tinkludi "dejjem" benefiċċju fil-forma ta' rata mnaqqsa skont l-ispejjeż ta' ġestjoni (punt 20), indipendentement mill-karatteristiċi l-oħra tal-iskema marbuta mal-kalkolu ta' rata medja bbilanċjata, u unika, fir-rigward tat-taxxa fuq in-negozju, li, skont iċ-ċirkustanzi fattwali, jiġifieri l-post tal-bini jew tal-art f'diversi awtoritajiet lokali kif ukoll ir-rata ta' tassazzjoni applikabbli fl-imsemmija awtoritajiet, setgħet ukoll tagħti vantaġġ lil *France Télécom* (punt 23).
- 73 Mill-premess jirriżulta li hemm lok li ssir distinzjoni bejn iċ-ċirkustanzi tal-kawża li wasslet għas-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, *France Télécom vs Il-Kummissjoni* (C-81/10 P, EU:C:2011:811), u dawk tal-każ ineżami. Fil-fatt, minn naħa, il-partijiet f'din il-kawża ma jaqblux dwar il-vantaġġ, anki potenzjali, li jirriżulta mill-iskema kontenzjuża. Min-naħa l-oħra, fejn, fl-iskema li kienet is-suġġett tal-kawża li wasslet għas-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, *France Télécom vs Il-Kummissjoni* (C-81/10 P, EU:C:2011:811), ġew ikkombinati benefiċċju li jingħata "dejjem" u benefiċċju li jiddependi fuq ċirkustanzi varjabbli, f'dain il-kawża l-eżistenza stess ta' benefiċċju hija inkwistjoni, kif turi l-unika data speċifika għas-settur li hija msemmija fid-deċizzjoni kkontestata, imfakkra fil-punt 65 iktar 'il fuq. Konsegwentement, il-Kummissjoni ma tistax tibbaża ruħha fuq allegat xebh bejn iż-żewġ każijiet sabiex tiddeduċi li l-konstatazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 24 tas-sentenza msemmija hawn fuq tista' tiġi trasposta, bħala tali, għal din il-kawża.
- 74 L-istess japplika għall-punti 45 u 50 tas-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, *France Télécom vs Il-Kummissjoni* (C-81/10 P, EU:C:2011:811), li minnhom il-Kummissjoni tiddeduċi, għall-finijiet ta' din il-kawża, li, fl-assenza ta' mekkaniżmu li jippermetti li jsir kalkolu ta' kumpens bejn il-benefiċċju dedott mir-rata ta' tassazzjoni iktar baxxa u l-piż li jirriżulta minn tnaqqis fiskali iktar baxx, l-iskema kontenzjuża timplika neċessarjament l-ġhota ta' vantaġġ. Mill-punt 50 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-imsemmi mekkaniżmu kien meħtieġ, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, minħabba d-differenza ta' temporalità bejn il-piż allegat minn *France Télécom*, li jirriżulta minn sovratassazzjoni fuq perijodu ta' żmien determinat, u l-benefiċċju dedott mill-iskema ta' tassazzjoni applikabbli wara u li kienet maħsuba li tkun, min-naħa tagħha, għal żmien indeterminat. Minn dan isegwi neċessarjament li, f'mument speċifiku, l-iskema vantaġġuża, għal żmien indeterminat, kienet twassal għal benefiċċju li

jmur lil hinn mill-kumpens għall-oneru sostnut preċedentement, fuq perijodu determinat. Huwa għalhekk imperattiv, fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, li kalkolu kumpensatorju jiġi applikat *ex ante* b'mod li jiġi identifikat il-punt li minnu l-kumpens ma baqax meħtieġ.

- 75 B'mod invers, f'din il-kawża, il-komponenti differenti tal-iskema kontenzjuża huma applikabbli b'mod simultanju, mingħajr limitu ta' żmien. Fi kliem ieħor, jista' jiġi affermat biss li mid-diversi elementi, favorevoli u sfavorevoli, tal-iskema fiskali tal-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ kif applikata għall-erba' klabbs benefiċjarji jirriżulta li dawn tal-aħħar jiksibu neċessarjament vantaġġ, b'differenza mill-fatti li fuqhom huwa bbażat il-punt 50 tas-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, France Télécom vs Il-Kummissjoni (C-81/10 P, EU:C:2011:811). Minn dan isegwi li l-konstatazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-punt 50 tas-sentenza tagħha, ma humiex, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, trasponibbli għal din il-kawża.
- 76 Għalhekk, it-tieni motiv għandu jintlaqa', mingħajr ħtieġa li jiġu eżaminati l-argumenti l-oħra mressqa mir-rikorrent, fis-sens li, l-ewwel nett, is-sistema fiskali Spanjola hija intiża, fl-assjem tagħha, sabiex tinnewtralizza d-diverġenzi fir-rati ta' tassazzjoni bejn kumpanniji b'responsabbiltà limitata u entitajiet mingħajr skop ta' qligħ u, it-tieni nett, l-eżami komparattiv tal-effetti kumulattivi tar-rata ta' tassazzjoni u tat-tnaqqis applikabbli turi li l-iskema inkwistjoni kellha impatt sfavorevoli fuq is-sitwazzjoni individwali tiegħu, b'paragun mal-iskema tal-kumpanniji SAS. Lanqas ma huwa meħtieġ li jiġu eżaminati t-tielet sal-ħames motivi invokati mir-rikorrent.

Fuq l-ispejjeż

- 77 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-Kummissjoni tilfet, hija għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kif mitlub mir-rikorrent.
- 78 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li intervjenew fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom. Għalhekk, ir-Renju ta' Spanja għandu jbatil l-ispejjeż tiegħu.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

- 1) **Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2391 tal-4 ta' Lulju 2016 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.29769 (2013/C) (l-ex 2013/NN) implimentata minn Spanja għal ċerti klabbs tal-futbol hija annullata.**
- 2) **Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatil l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti minn Fútbol Club Barcelona.**
- 3) **Ir-Renju ta' Spanja għandu jbatil l-ispejjeż tiegħu stess.**

Kanninen

Schwarz

Iliopoulos

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-26 ta' Frar 2019.

Firem